

Editorjal Fr Carl Mario Sultana

# ALLA JĦENN permezz tiegħi wkoll

Qegħdin proprju fuq l-għatba tas-Sena tal-Ħniena li l-Papa Franġisku xtaq li aħna l-Insara niċċelebraw matul is-sena li ġejja, u li tibda fit-8 ta' Diċembru 2015. Hija sena li fiha l-Papa Franġisku qed jistedinna biex nieqfu ftit mill-ġirja tal-ħajja ta' kuljum u nippruvaw inżommu ftit ħin għalina nfusna ħalli naraw minn fejn ġejjin u f'liema f'direzzjoni sejrin, filwaqt li nagħmlu esperjenza tal-ħniena ta' Alla.

Din l-esperjenza tal-ħniena ta' Alla mhix biss xi ħaġa li rridu ngħaddu minnha aħna; b'kemm inħossuna fil-paċi magħna nfusna u ma' Alla; u b'kemm tħossok f'postok u b'saħħtek spiritwalment! Aħna, mhux biss bħala katekisti imma aktar u aktar bħala Nsara, għandna sejħa li tmur lil hinn mill-esperjenza personali tal-imħabba u tal-ħniena ta' Alla. Irridu nkunu aħna stess li din l-esperjenza tal-ħniena ta' Alla mhux biss nagħmluha aħna, imma ngħinu lil ħaddieħor jagħmilha permezz tagħna.

U ma hemm ħadd li jinsab f'pożizzjoni aħjar li jagħmel dan aktar minna l-katekisti u dawk kollha li huma b'xi mod jew ieħor involuti fl-edukazzjoni tal-oħrajn, inkluża l-edukazzjoni għall-fidi. Aħna bħala edukaturi għall-fidi għandna din ir-responsabbiltà li trid tasal għand l-oħrajn b'żewġ modi differenti.

L-ewwel mod huwa billi nkunu aħna stess li nitkellmu ma' dawk afdati f'idejna fuq il-ħniena ta' Alla. Irridu nkunu aħna li nagħmlulhom kuraġġ biex jintelqu fil-ħniena infinita ta' Alla. B'hekk ikunu jistgħu jagħmlu esperjenza diretta huma stess tal-ħniena u tal-imħabba ta' Alla. Dan nistgħu nagħmluh b'mod speċifiku billi nkunu aħna li, mhux biss nispjegaw dwar is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, imma li niffaċilitaw l-esperjenza ta' dan is-Sagrament billi nistiednu lil dawk afdati f'idejna għall-edukazzjoni għall-fidi biex jirċevuh.

Imma hemm mod ieħor kif aħna nistgħu nwasslu l-ħniena u l-imħabba ta' Alla lill-oħrajn. Dan huwa billi aħna stess ngħixu u npoġġu l-opri tal-ħniena fil-prattika f'ħajjitna. L-opri tal-ħniena, speċjalment dawk li huma marbutin mal-ġisem, mhumiex biex aħna nistagħnew aktar, imma biex ħaddieħor jibbenefika mit-tjubija tagħna. Huwa billi nipprattikaw dawn l-opri tal-ħniena f'ħajjitna li aħna nistgħu ndewqu l-ħniena ta' Alla lil dawk li niltaqgħu magħhom.

Ejjew mela matul din is-sena nkunu alter Christus – Kristu ieħor – billi nuru ħniena ma' kull min niltaqgħu u b'hekk inkunu Nsara aktar awtentiċi f'dik il-fidi li aħna għandna bħala missjoni li ngħadduha lill-oħrajn.